



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0118/2019**

21.10.2019

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-effetti tal-falliment tat-Thomas Cook Group  
(2019/2854(RSP))

**José Ramón Bauzá Díaz, Dinesh Dhamija, Bill Newton Dunn, Caroline Nagtegaal, Izaskun Bilbao Barandica, Liesje Schreinemacher, Dita Charanzová, Dominique Riquet, Valter Flego, Ilhan Kyuchyuk, Vlad-Marius Botoș, Iskra Mihaylova, Atidzhe Alieva-Veli**  
fisem il-Grupp Renew

**B9-0118/2019**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-effetti tal-falliment tat-Thomas Cook Group  
(2019/2854(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2019 dwar l-effetti tal-falliment tat-Thomas Cook Group,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 195 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2010 intitolata "L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja – qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew" (COM(2010)0352),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Ottubru 2015 dwar sfidi u kunċetti ġodda għall-promozzjoni tat-turiżmu fl-Ewropa<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha dwar ir-responsabbiltà għall-eżekuzzjoni tal-pakkett, l-Artikolu 16 dwar l-obbligu li tingħata assistenza u l-Kapitolu V, li jirregola l-protezzjoni tal-vjaġġaturi mill-insolvenza ta' organizzatur jew bejjieġh bl-imnut<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-kumpens għall-passiġġieri fil-każ ta' falliment tal-linja tal-ajru<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Marzu 2013 intitolata "Il-protezzjoni tal-passiġġieri f'każ ta' falliment ta' linja tal-ajru" (COM(2013)0129), li fiha l-Kummissjoni stabbiliet miżuri biex ittejjeb il-protezzjoni tal-vjaġġaturi f'każ ta' falliment ta' linja tal-ajru, inkluż l-infurzar aħjar tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni), b'mod partikolari l-Artikolu 8 dwar il-validità ta'

---

<sup>1</sup> ĠU C 355, 20.10.2017, p. 71.

<sup>2</sup> ĠU L 326, 11.12.2015, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 46, 17.2.2004, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU C 285E, 21.10.2010, p. 42.

- liċenzja operattiva, u l-Artikolu 9 dwar is-sospensjoni u r-revoka ta' liċenzja operattiva<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ("ir-Regolament dwar il-FEG")<sup>6</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-aġenziji tal-ivvjaġġar qed joperaw f'ambjent li qed jinbidel b'rata mgħaġġla u li qed isir dejjem aktar kompetittiv kemm fis-suq tal-UE stess kif ukoll fis-suq estern tagħha u jeħtieġ li jadattaw għal imġibiet ġodda tal-konsumaturi u għal mudelli kummerċjali ġodda (eż. it-tkabbir tas-servizzi online għall-prenotazzjoni tal-vjaġġi u l-pakketti attraenti tagħhom);
- B. billi l-falliment tat-Thomas Cook Group kien ikkawżat minn diversi fatturi, u wieħed minnhom kien in-nuqqas tal-kumpanija li tbiddel il-mudell kummerċjali tagħha u li tkun innovattiva sabiex tikkompeti fl-ekonomija diġitali;
- C. billi wara l-kollass, f'Settembru 2019, tal-kumpanija tal-ivvjaġġar Thomas Cook Group, li mexxiet lukandi, resorts u linji tal-ajru f'16-il pajjiż u qdiet lil 19-il miljun ruħ fis-sena, il-gvernijiet u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni kellhom jikkoordinaw operazzjoni ta' salvataġġ enormi biex 600 000 ruħ ikunu jistgħu jirritornaw mill-vaganzi tagħhom;
- D. billi l-awtoritajiet fl-Istati Membri kienu diġà jafu sew x'kienet is-sitwazzjoni finanzjarja tat-Thomas Cook Group;
- E. billi l-likwidazzjoni tat-Thomas Cook Group ipperikolat 22 000 impjeg fid-dinja kollha, li 9 000 minnhom jinsabu fir-Renju Unit, 2 500 jinsabu fi Spanja, u aktar minn 1 000 jinsabu fil-Greċja; billi, anke jekk id-destin ta' dawn l-impjiegi għadu inċert, x'aktarx li dan se jkollu effett indirett multiplu konsiderevoli mhux biss fuq l-industrija tat-turiżmu u fuq is-settur tat-trasport, iżda anki fuq l-ekonomija tal-UE b'mod ġenerali;
- F. billi, din is-sena biss, għadd ta' linji tal-ajru bħal Air Berlin, Alitalia, Aigle Azur u Adria Airways iddikjaraw insolvenza, u dan kellu riperkussjonijiet serji fuq in-negozji, it-turiżmu u l-konsumaturi;
- G. billi, f'April 2019, it-Thomas Cook Group ingħata liċenzja mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Renju Unit biex ikompli jopera għal tnaħ-il xahar oħra;
- H. billi, għal ħafna konsumaturi, ma kienx ċar x'kienu d-drittijiet ta' kumpens tagħhom u liema partijiet tal-prenotazzjonijiet tagħhom kienu koperti mill-assigurazzjoni tagħhom;
- I. billi l-Ewropa hija l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja, b'sehem mis-suq ta' 50,8 % fl-2018; billi t-turiżmu jiġġenera, kemm direttament kif ukoll indirettament, 10,3 % tal-PDG totali tal-UE-28 – ċifra li mistennija tiżdied għal 11,2 % tal-PDG sal-2027 – u l-

---

<sup>5</sup> ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.

<sup>6</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

industrija tat-turiżmu tal-UE timpjega madwar 12,3 miljun ruħ;

- J. billi t-turiżmu għadu wieħed mill-promoturi ewlenin għall-ħolqien tal-impjiegi kemm fl-UE kif ukoll fid-dinja kollha, u jikkontribwixxi għall-impjiegi u l-iżvilupp ekonomiku fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari l-Istati Membri tan-Nofsinhar, li ntliaqtu b'mod partikolari mill-kriżi finanzjarja u ekonomika;
  - K. billi hemm domanda qawwija mill-industrija tat-turiżmu għal aktar koordinazzjoni fil-livell tal-UE u għal politika ċara tal-UE dwar it-turiżmu b'appoġġ baġitarju xieraq; billi politika tat-turiżmu tal-UE għandha tqis il-fatt li s-setturi differenti li għandhom rwol ewlieni fit-turiżmu, bħat-trasport u l-akkomodazzjoni, huma regolati minn oqsma differenti fl-UE;
  - L. billi l-għajjnuna tal-Unjoni lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u għandha tkun disponibbli bl-aktar mod effiċjenti u rapidu possibbli;
  - M. billi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) inħoloq biex joffri appoġġ addizzjonali lill-impjegati li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' tibdil strutturali kbir fix-xejriet kummerċjali dinjija u b'riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali attwali;
1. Jenfasizza li t-Thomas Cook Group kopra diversi oqsma, bħall-akkomodazzjoni, it-trasport u l-attivitajiet ta' divertiment u affettwa lil diversi tipi differenti ta' konsumaturi u negozji, li jfisser, għalhekk, li l-kollass tiegħu jaqa' taħt il-leġiżlazzjoni u l-liġijiet tal-UE fl-Istati Membri;
  2. Jirrikonoxxi l-isforzi kbar li saru matul l-operazzjoni ta' ripatrijazzjoni, skont il-leġiżlazzjoni tal-UE; madankollu, jesprimi d-dispjaċir tiegħu dwar l-impatt negattiv li l-falliment tat-Thomas Cook Group kellu fuq l-eluf ta' turisti li l-prenotazzjonijiet tagħhom ġew ikkanċellati awtomatikament, u li wassal biex ħafna turisti tħallew l-art fid-destinazzjoni tagħhom mingħajr ma ġie offrut xi vjaġġ ta' ritorn alternattiv, fatt li kkostitwixxa inċertezza legali enormi għas-settur u li wassal għal nuqqas konsiderevoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi;
  3. Jistieden lill-Kunsill jadotta Approċċ Ġenerali dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex ifassal qafas komprensiv għad-drittijiet tal-passiġġieri li jindirizza l-kwistjonijiet, inkluża lista ta' ċirkustanzi straordinarji, limiti minimi għal kumpens f'każijiet ta' kanċellazzjoni u dewmien jew kumpens meta jintilfu t-titjiriet ta' konnessjoni; jesprimi d-dispjaċir tiegħu dwar in-nuqqas tal-Kunsill li jilħaq ftehim minn Frar 2014;
  4. Jemmen li l-kollass f'daqqa tat-Thomas Cook Group seta' jiġi evitat u li n-negozju kellu jiġi stralċat b'mod aktar ordnat; ihegġegħ lill-Kummissjoni tivvaluta l-kawżi tal-likwidazzjoni tat-Thomas Cook Group, filwaqt li tqis il-fatt li l-bidla negattiva fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija kienet diġà magħrufa, sabiex tiddetermina setgħux jittieħdu miżuri preventivi biex jiġi evitat il-kollass f'daqqa tagħha;
  5. Jesprimi r-riżervi tiegħu dwar id-deċiżjoni li tingħata liċenzja operattiva lit-Thomas Cook Group, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-awtoritajiet tal-Istati Membri inkarigati mill-ħruġ ta' liċenzji

jinfurzew aħjar l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sospensjoni u r-revoka ta' liċenzja operattiva, kull meta jkun hemm indikazzjonijiet ċari ta' problemi finanzjarji jew insolvenza; jemma, barra minn hekk, li l-Istati Membri għandhom jagħtu liċenzja operattiva temporanja lil linja tal-ajru sabiex tkompli r-ripatrijazzjoni tal-passiġġieri f'każ ta' insolvenza; jitlob lill-UE ssaħħaħ l-obbligu tal-Istati Membri li jivvalutaw il-prestazzjoni finanzjarja tal-kumpaniji tal-ajru meta tingħata liċenzja operattiva f'reviżjoni futura tar-Regolament;

6. Jenfasizza li l-ġestjoni tal-kollass ta' aġenzija tal-ivvjaġġar tad-daqs tat-Thomas Cook Group ma tiqafx bir-ripatrijazzjoni, il-kumpens u r-rimborż tal-klijenti, u li, għall-kuntrarju, fuq perjodu twil, il-konsegwenzi mistennija jkunu saħansitra aktar gravi f'termini ta' konnettività tat-trasport, ta' turiżmu u ta' impjiegi;
7. Jesprimi d-dispjaċir tiegħu dwar il-fatt li kien aktar faċli għat-turisti li kellhom pakkett kollox inkluż li jirċievu informazzjoni u assistenza milli kien għall-konsumaturi li pprenotaw it-titjiriet u l-akkomodazzjoni separatament;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tteġġeg lill-Istati Membri jipproponu sistemi nazzjonali ta' garanzija ċari u trasparenti; jinnota, madankollu, li għalkemm ħafna Stati Membri diġà stabbilew sistema bħal din, ħafna drabi għadu mhux ċar jekk prenotazzjoni hijiex koperta;
9. Iqis li l-kobor tal-kollass tat-Thomas Cook Group kellu konsegwenzi negattivi serji fuq is-settur tat-turiżmu tal-UE – l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja – u, b'mod partikolari, fuq daww l-Istati Membri li jiddependu b'mod qawwi fuq it-turiżmu u li kienu jiddependu mit-Thomas Cook Group, b'mod partikolari f'żoni bħall-Gżejjer Baleariċi, il-Gżejjer Kanarji, Rodi u Kreta; jenfasizza li s-servizzi tat-turiżmu f'dawk ir-reġjuni bbażati fuq it-turiżmu, u b'mod partikolari l-lukandi, kellhom provvista skedata ta' servizzi b'ħafna prenotazzjonijiet li kienu diġà saru għall-istaġun turistiku li jmiss qabel it-Thomas Cook Group ikkollassa, u għalhekk jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' appoġġ mill-Istati Membri biex jaffrontaw l-impatt negattiv li dan kellu fuq ħafna negozji;
10. Itenni l-istatina tiegħu lill-Kummissjoni biex issib mekkaniżmu għal koordinazzjoni u kooperazzjoni effikaċi bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-istituzzjonijiet finanzjarji fis-settur tat-turiżmu u biex tadotta linja baġitarja speċifika għat-turiżmu fil-baġit tal-UE, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 li jmiss, sabiex talloka fondi speċifiċi b'appoġġ għall-politiki tat-turiżmu tal-UE;
11. Jemma li r-rabtiet bejn it-turiżmu u t-trasport huma evidenti u konnessi mill-qrib; jenfasizza li t-trasport huwa parti integrali mill-industrija tat-turiżmu u t-turiżmu jikber meta jkun hemm sistemi ta' trasport aħjar fis-seħħ; jitlob, għalhekk, li Kummissarju jkollu portafoll b'kompetenzi li jikkonċernaw it-trasport, il-mobilità u t-turiżmu u jistieden lill-President il-ġdid tal-Kummissjoni tiegħu l-passi meħtieġa biex dan l-għan jintlaħaq;
12. Jistieden bil-qawwa lill-Istati Membri milquta mil-likwidazzjoni tat-Thomas Cook Group biex idaħħlu fis-seħħ minnufih azzjonijiet għal daww l-impjegati li ngħataw is-sensja, bħal appoġġ, gwida u integrazzjoni, taħriġ, taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali, appoġġ għat-twaqqif ta' negozji, u kontribuzzjonijiet biex jinbdew negozji

ġodda li jkunu eliġibbli għal appoġġ finanzjarju mill-FEG;

13. Ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkunsidraw, bħala l-aħħar possibbiltà, l-adozzjoni ta' miżuri ta' għajjnuna mill-Istat li jafu jtaffu l-impatt ekonomiku negattiv fuq l-impriżi, il-bliet, ir-reġjuni u d-destinazzjonijiet, minbarra l-konsegwenzi gravi għall-impjiegi;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kif il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u l-liġijiet rispettivi fl-Istati Membri wieġbu għal din l-operazzjoni ta' salvataġġ enormi; jinnota li l-kriżi kkaġunata mill-falliment tat-Thomas Cook Group mhijiex avveniment iżolat u tista' terġa' sseħħ fil-futur; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-fattibbiltà tal-adozzjoni ta' azzjonijiet u/jew miżuri speċifiċi biex tipprevjenu li sitwazzjonijiet ta' dan it-tip jergħu jigrú sabiex jissaħħu aktar il-protezzjoni tal-konsumatur u d-drittijiet tal-passiġġieri;
15. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE fir-rigward tal-falliment tal-linji tal-ajru, il-protezzjoni tal-konsumatur, il-vjaġġi kollox inkluż u d-drittijiet tal-passiġġieri fid-dawl tal-kollass reċenti tat-Thomas Cook Group sabiex tevalwa l-ħtieġa possibbli ta' kjarifika u titjib tal-leġiżlazzjoni u miżuri oħra meħtieġa biex sitwazzjonijiet simili jiġu evitati fil-futur;
16. Jistieden lill-Kummissjoni ttenni l-isforzi tagħha biex issawwar Suq Uniku Diġitali ġenwin u ttiprovdi l-appoġġ meħtieġ biex tgħin lill-kumpaniji tal-UE jimmaniġġjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali u mudelli kummerċjali ġodda, kemm permezz tal-programmi ta' finanzjament rilevanti kif ukoll permezz ta' skema ta' aċċess għall-fondi, minbarra t-taħriġ u t-tħeġġiġ ta' mentalità ta' kummerċ diġitali;
17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.